MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1752/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Guido Psaila abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Guido Psaila**

**Vs**

**Nigel Rausi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm160.38c (mija u sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) rapprezentanti danni kif spjegati fl-Avviz inkluz spejjez kif mitluba.

Ra r-Risposta tal-konvenut li cahad li kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni.
Hemm kontestazzjoni wkoll ghar-rigward id-danni.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra li fix-xhieda tieghu Stephen Psaila bin l-attur qal li kien ipparkjat ghal xi tlett minuti qabel l-incident. F’daqqa wahda ra dingy abjad gej lejh, id-dingy kien fuq trailer. Hu beda jdoqq il-horn. Dam xi ghaxar sekondi jdoqq il-horn izda d-dingy baqa’ gej u saret il-habta.

Fil-*Front To Rear Form* Psaila kiteb li kien wieqaf meta grat il-habta.

Gie esebit skizz *ex parte* maghmul minn Stephen Psaila, survey report ghar-rigward il-vettura ta’ l-attur u l-ircevuti.

Giet esebita wkoll ittra minn Rausi Insurance Agency fejn gie ammess it-tort f’dan l-incident. Gew ikkontestati d-danni.

Claudia Rausi kkonfermat bil-gurament li kienet prezenti meta gara l-incident. Hi harget mill-vettura u l-konvenut beda jirriversja bil-mod. Claudia Rausi qalet li mbaghad giet vettura li qasmet il-lanes u dahlet ezatt taht id-dingy. Dak il-hin hi qalet lir-ragel biex jieqaf u fl-istess hin waqfet il-vettura ta’ l-attur. Claudia Rausi qalet li b’rizultat tal-habta kien hemm girfa zghira fuq il-bonnet. Fil-kontro-ezami Claudia Rausi qalet li l-konvenut irriversja ghal xi pied qabel il-habta. Rausi qalet li Psaila kien *in motion* qabel il-habta. Rausi tiftakar li Psaila daqq il-horn qabel il-habta.
Nigel Rausi qal li beda jirriversja w ezatt kif beda miexi lura sema’ horn u ghajjat u waqaf minnufih. Rausi qal li l-impact sar bejn l-outboard u l-bonnet ta’ l-assigurat tad-ditta attrici.

Ikkunsidra li hemm verzjonijiet opposti ta’ kif gara l-incident. Stephen Psaila jghid li kien wieqaf qabel l-incident filwaqt li Rausi qal li kien Psaila li baqa’ ghaddej ghal go fih waqt li kien qed jirriversja. Illi certament kien Rausi li kien qed jirriversja b’trailer li kellu l-obbligu li jara jekk setax jirriversja minghajr ma jikkaguna danni. Skond il-*Highway Code*:

"Before you reverse, make sure that there are.…no obstruction in the blind area behind you….check all round when reversing….if your rear is restricted, get help when reversing" – articles 200-203.

Illi ghalkemm Claudia Rausi kienet qieghda tassisti lill-konvenut ma jirrizultax li Claudia Rausi tat direzzjonijiet lill-konvenut sabiex jibda jirriversja. Il-konvenut ma jghidx li qabel ma beda jirriversja stenna ghad-direzzjonijiet minghand Claudia Rausi u lanqas jekk setax jara warajh. Illi ghalhekk il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Illi l-konvenut ikkontesta wkoll id-danni.

Illi gie esebit is-survey u l-ircevuti u gie s-surveyor biex jikkonferma s-survey bil-gurament.

Illi huwa veru li l-konvenut u Claudia Rausi qalu li ezaminaw il-vettura u raw inqas hsara milli dak rapportat fis-survey. Illi huwa iktar probabbli li s-surveyor huwa korrett fl-istima tieghu tad-danni u ghalhekk anki t-tieni eccezzjoni tal-konvenut huwa michud.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm160.38c (mija u sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 25 ta' Frar, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------